# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 1136/91AF**

**Joseph Attard**

**v.**

**Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Bank Catering Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat mill-attur Joseph Attard fil-11 ta' Ottubru, 1991, li permezz taghha nghad:

> "Billi l-konvenut nomine, permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Novembru 1988, wara li ddikjara li ghandu bzonn ir-raba' saqwi li jmiss mal-Hotel Sea Bank limiti tal-Ghadira, il-Mellieha, mahdum l-istess raba mill-atturi, obbliga ruhu espressament, kollox ai termini tal-istess

skrittura privata, a favur l-attur, li (a) jikri bicca art mil-Lands Department ta' kejl ta' mhux anqas minn 5 itmiem fl-inhawi indikati fil-pjanta annessa, liema raba/blat tigi registrata f'isem l-attur; (b) li l-konvenut nomine jirreklama area ekwivalenti ghal dik li ttiehed mir-raba saqwi li jmiss mal-lukanda Sea Bank u jgibuha fi stat tajjeb ta' raba li tista' tinhadem bl-ingenji u skont il-mistier u jsiru hitan biex ir-raba jigi mtarrag u dan jitlesta qabel ma jinharat ir-raba' saqwi; (c) jipprovdi ilma mill-impjant tar-Reverse Osmosis li kellu jibni hdejn l-istess lukanda u dan jigi ppumpjat go vaska fl-inhawi tar-raba reklamat, b'volum ta' ilma ta' mhux anqas minn 12,000 gallun fil-gimgha ghal kull tomna raba saqwi li tittiehed minghand l-attur, u li ghal dan l-iskop tinbena vaska fuq il-blat indikat mill-attur, kollox a spejjez tal-konvenut nomine, u kollox verso l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-istess skrittura privata.

"Billi ai termini tal-istess skrittura privata, il-partijiet qablu li kif il-konvenut nomine jlesti r-raba reklamat kif premess, il-vaska u jigi provdut l-ilma skont l-istess ftehim, l-attur obbliga ruhu li fi zmien tlett xhur mill-istess icedi r-raba tieghu li jmiss mas-Sea Bank Hotel lill-konvenut nomine bi tpartit mal-istess art ipprovduta mill-konvenut nomine.

"Billi pero` rrizulta li l-konvenut nomine dahal u bena fuq l-art saqwi premessa, fil-limiti tal-Ghadira, il-Mellieha, li kienet qed tigi mahduma mill-attur u dan bla ma l-konvenut esegwixxa l-ebda wahda mill-obbligazzjonijiet minnu assunti fl-istess skrittura privata u dan nonostante l-protest gudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 1991.

"Billi tali agir da parti tal-konvenut nomine kkawza u qed jikkawza danni ingenti lill-istess attur stante li gie effettivament prekluz milli jahdem l-istess raba', li fuqha bena l-konvenut nomine, u milli jiehu l-prodott tal-istess.

"Jghid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti:

"(1) tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex f'terminu qasir u perentorju lilu prefiss ghal tali skop, huwa jesegwixxi l-obbligazzjonijiet kollha minnu assunti ai termini tal-iskrittura privata datata 17 ta' Novembru 1988, u senjatament sabiex jikri bicca art mil-Lands Department mhux anqas minn 5 itmiem fl-inhawi indikati fl-annessa pjanta, liema raba/blat tigi registrata f'isem l-attur, u (2) li jirreklama area ekwivalenti ghal dik ir-raba saqwi li ttiehdet lill-attur, u jpoggiha fi stat tajjeb ta' raba' li tista' tinhadem b'ingenji u skont il-mestier u jsiru hitan biex ir-raba' jigi mtarrag, u (3) jipprovdi ilma mill-impjant tar-Reverse Osmosis li kellu jibni hdejn l-istess lukanda Sea Bank, u dan jigi ppumpjat go vaska fl-inhawi tar-raba reklamat, b'volum ta' ilma ta' mhux anqas minn 12,000 gallun fil-gimgha ghal kull tomna raba saqwi li ttiehdet minghand l-attur, kollox a spejjez tal-istess konvenut, u bil-kundizzjonijiet l-ohra kollha stipulati fl-istess skrittura privata tas-17 ta' Novembru 1988, u dan kollox taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

> "Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju, u b'riserva ta' kull azzjoni ta' danni kompetenti lill-attur kontra l-konvenut nomine, u b'riserva ta' kull kawza ulterjuri kompetenti lill-attur kontra l-konvenut nomine ngunt personalment ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Silvio Debono nomine, tas-7 ta' Novembru, 1991, li in forza taghha eccepixxa:

> "Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-iskrittura privata illi hi a bazi tal-azzjoni attrici hi nulla u bla effett, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> "Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Frar, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut, laqghet it-talba ta' Joseph Attard limitatament billi kkundannat lil Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited jipprovdi lil Joseph Attard tnax-il elf (12,000) gallun ilma kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li Joseph Attard ceda u li ghandha tigi mibnija vaska a spejjez ta' Seabank Catering Company Limited fl-inhawi indikati minn Joseph Attard. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited u Joseph Attard fi kwoti ndaqs bejniethom.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"…illi permezz ta' din il-kawza, Joseph Attard qed jitlob lill-Qorti tordna lil Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited jonora obbligi li assuma f'kitba privata li saret bejniethom u li fiha l-istess Silvio Debono intrabat li jikri art minghand il-Gvern biex jahdimha Joseph Attard, u li jipprovdi ilma minn "Reverse Osmosis" ghall-uzu ta' Joseph Attard, li min-naha tieghu kellu jcedi art tal-Gvern li kien qed jahdem hu.

"Jirrizulta illi fl-1988, Silvio Debono tramite s-socjeta' minnu mmexxija Seabank Catering Limited kien ghamel hsieb li jestendu l-lukanda Seabank fil-Mellieha. Ghal dan l-iskop huwa kien jehtieg art proprjeta' tal-gvern li dak iz-zmien kienet qieghda tinhadem minn bdiewa tal-lokal, li wiehed minnhom kien Joseph Attard, l-attur odjern. Huwa infatti kien wasal f'arrangamenti mal-bdiewa kollha u dawk cedew id-drittijiet taghhom fuq l-art. Mal-attur ma setax jasal fi ftehim sakemm bl-ghajnuna ta' ufficjali tad-dipartiment tal-agrikoltura, il-partijiet qablu li Joseph Attard jcedi l-art li kien jahdem u b'kumpens jinghata art ta' daqs ekwivalenti bi qbiela mill-Gvern. Sussegwentement, ghalkemm huwa ceda l-art li spiccat ghand Silvio Debono ghal-lukanda, ma nghatat lilu ebda art biex ikompli bil-hidma tieghu fil-biedja.

"Meta giet stitwita l-kawza odjerna, il-konvenut odjern li eccepixxa biss in-nullita` tal-iskrittura, fetah proceduri gudizzjarji biex jittenta jottjeni dikjarazzjoni ta' nullita` tal-iskrittura ffirmata mill-partijiet. F'dan l-attentat huwa falla u permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Frar 2007 li minnha ma sar l-ebda appell, il-Qorti cahdet it-talbiet tieghu.

"Ghalkemm, ghaldaqstant, issa rrizulta li l-unika eccezzjoni ma tistax titqies li tiswa' wara l-fuq citata sentenza, jibqa' xorta wahda jinkombi fuq l-attur li jipprova li huwa infatti ghandu dawk id-drittijiet kollha li jsostni li ghandu.

"Fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet fis-17 ta' Novembru 1988, Silvio Debono intrabat ghan-nom tas-sidien tas-socjeta` Seabank illi jikri bicca art tal-Gvern mil-Lands Department, ta' kejl ta' mhux anqas minn hamest itmiem fl-inhawi indikati fil-pjanta annessa. Intrabat ukoll li dan ir-raba ghandu jigi registrat f'isem Joseph Attard.

"In linea ta' principju, huwa ritenut li "ad impossibilia nemo tenetur", u cioe` hadd ma jista' jigi mgieghel iwettaq dak li mhuwiex possibli. Fil-kaz in ezami, l-attur qieghed jesigi mill-konvenut li tinkera lilu art proprjeta` tal-Gvern. Issa kif hu risaput, il-Gvern meta jasal biex jiddisponi minn xi proprjeta` kemm b'bejgh kif ukoll b'kiri huwa strettament marbut b'ligijiet strettament applikati. Jigi applikat fic-cirkostanzi l-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-proprjeta` tinghata jew b'rizoluzzjoni tal-Parlament meta jkun il-kaz ta' xi progett magguri ta' utilita` komuni jew wara sejha ghall-offerti. Ma tista' qatt legalment tinghata art tal-gvern barra l-parametri stretti tal-ligi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet, moghtija viva voce.

"Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Frar 1952 fil-kawza "Petroni vs Petroni", fejn il-Qorti:

"*L-Imhallef Dr. Lorenzo Xuereb ("Bartolo vs Barbara", 15 ta' Dic 1871, P.A.), f'kaz fejn l-attur kien talab, bhal f'dan il-kaz, l-adempimenti f'forma specifika ta' partita kemmun, wara li kkonstata li l-konvenut fil-fatt kien biegh il-kemmun, u li per konsegwenza ma kinitx aktar possibli l-konsenja, eskluda t-talba u rrizerva l-azzjoni, jekk kompetenti, ghal danni u interessi.*"

"Il-Qorti tinnota li l-iskrittura de quo giet iffirmata fl-ufficcju tal-Ministru tal-Izvilupp ghall-Produzzjoni fil-Belt fil-prezenza ta' diversi ufficjali u ghalhekk tifhem kif meta ceda r-raba' li kien jahdem, l-attur kellu mohhu mistrieh li ser jigi kompensat kif xtaq, pero` dawn ic-cirkostanzi ma jnaqqsu xejn mill-impossibilta` tal-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni u zgur isiru rilevanti jekk u meta l-attur jittenta jirreklama danni minn min jista' jkun responsabbli.

"Fl-iskrittura ffirmata mill-partijiet, Silvio Debono ghan-nom tas-socjeta` Seabank intrabat ukoll illi jipprovdi 12,000 gallun ilma ghal kull tomna saqwi li jittiehed minghand Joseph Attard:

"*Is-Sinjuri Debono a spejjez taghhom jipprovdu ilma mill-impjant tar-Reverse Osmosis li huma se jaghmlu hdejn l-istess lukanda; u dan jigi ppumpjat ghal go vaska fl-inhawi tar-raba reklamat. Il-volum tal-ilma ghandu jkun ta' 12,000 gallun kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li jittiehed minghand Joseph Attard, u dan l-ilma jigi mahzun f'vaska ta' kejl bizzejjed biex tesa' hazna ta' gimgha ilma. Il-vaska tigi mibnija fuq il-blat indikat minn Joseph Attard u fil-limiti tal-kirja imsemmija hawn fuq. L-ispejjez kollha tal-ilma, energija u l-vaska huma kollha ghas-Sinjuri Debono, cioe' Joseph Attard jircievi l-ilma kollu fil-vaska minghajr ma jhallas l-ebda spejjez.*"

"Ghalkemm il-vaska ndikata ma tistax tigi mibnija fil-limiti tal-kirja ghaliex il-kirja nnifisha ma tistax issehh, din il-Qorti taghmel referenza ghall-obbligu li ghandu kull kontraent li jagixxi in bona fede u ghalhekk xejn m'ghandu jzomm lil Joseph Attard milli juza' l-ilma li ghandu jigi provdut f'tisqija fi nhawi ohra. Infatti, paragrafu 7 tal-ftehim jaqra hekk:

"*L-ilma provdut lil Joseph Attard jista' jissaqqa fir-raba reklamat kif ukoll fuq raba iehor fl-inhawi, kif jidhirlu l-istess Joseph Attard minghajr indhil mis-Sinjuri Debono.*"

"Fil-fehma ta' din il-Qorti xejn ma jezonera lill-konvenut milli jipprovdi l-ilma li ntrabat li jipprovdi u dan a bazi tal-principji li "pacta sunt servanda". Ma gab lill-Qorti ebda raguni biex jinheles minn dan l-obbligu. L-ilma jista' jingarr u jintuza' f'ghelieqi ohra."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Silvio Debono *nomine* li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Frar, 2014 u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata minnu, tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-appell u appell incidentali ta' Joseph Attard, li permezz taghhom huwa talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tichad l-appell tal-intimat appellant fl-intier tieghu u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li ordnat lill-konvenut appellant sabiex jipprovdilu tnax-il elf (12,000) gallun ilma kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li huwa ceda u li ghandha tigi mibnija vaska a spejjez ta' Seabank Catering Company Limited fl-inhawi indikati minnu; ghar-ragunijiet indikati fl-appell incidentali, ntavolat kontestwalment mal-istess risposta, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-intimat appellant ghandu jwettaq l-obbligazzjonijiet kollha tieghu ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet datat 17 ta' Novembru, 1988.  Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

Rat ir-risposta ta' Silvio Debono *nomine* ghall-appell incidentali tal-attur, li permezz taghha ntalab li din il-Qorti tichad fl-intier tieghu l-appell incidentali propost mill-attur appellant u filwaqt li tilqa' l-appell principali tieghu, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Frar, 2014, billi tichad it-talbiet tal-attur, kif ukoll l-aggravji

sollevati minnu fl-appell incidentali propost minnu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza, nkluz dawk l-atti allegati li jgibu referenza 336/1992, li gew decizi finalment permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Frar, 2007, fil-kawza fl-ismijiet inversi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw kemm l-appell principali, kif ukoll dak incidentali, filwaqt li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza attrici hija msejsa fuq ftehim li sar fis-17 ta' Novembru, 1988, bejn il-kontendenti fil-kawza li permezz tieghu, filwaqt li l-attur obbliga ruhu li jcedi r-raba li kienet tinhadem minnu biswit il-lukanda Seabank bi tpartit, il-konvenut nomine kellu jikri bicca art tal-Gvern mid-Dipartiment tal-Artijiet, tal-kejl ta' hamest itmiem fl-istess inhawi, li tigi registrata f'isem l-attur; li jirriklama arja ekwivalenti ghal dik li tittiehed mir-raba saqwi u jgibha fi stat tajjeb li tista' tinhadem bl-ingenji u skont il-mistier u jsiru l-hitan mehtiega; kif ukoll li jipprovdi volum ta' ilma ekwivalenti ghal tnax-il elf (12,000) gallun kull gimgha ghal kull raba saqwi li ttiehed u li dan l-ilma jigi mahzun f'vaska ta' kejl bizzejjed li tesa' hazna ta' gimgha

ilma. Il-vaska tigi mibnija fuq blat indikat mill-attur u fil-limiti tal-kirja, bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut nomine.

L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut *nomine*, laqghet it-talba attrici limitatament billi kkundannat lil Silvio Debono *nomine* jipprovdi lil Joseph Attard tnax-il elf (12,000) gallun ilma kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li Joseph Attard ceda u li ghandha tigi mibnija vaska a spejjez ta' Seabank Catering Company Limited fl-inhawi indikati minn Joseph Attard. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited u Joseph Attard fi kwoti ndaqs bejniethom. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti rrilevat li ma setghetx tilqa' il-bqija tat-talbiet attrici fuq il-principju ta' *ad impossibilia nemo tenetur*.

Iz-zewg kontendenti fil-kawza hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk filwaqt li l-konvenut *nomine* ressaq l-appell principali, l-attur ressaq ukoll appell incidentali mill-istess sentenza.

L-appell principali ta' Silvio Debono *nomine* jissejjes fuq zewg aggravji principali:

(i) li l-ewwel Qorti zbaljat meta ordnat li tinbena vaska a spejjez taghha meta ma laqghetx il-bqija tat-talbiet attrici, stante li fil-fehma taghha, tali

talba ma setghetx tintlaqa' in izolament. Dana peress li ssostni li t-tliet talbiet attrici kienu marbuta u konsegwenzjali ghal xulxin kif tixhed l-uzu tal-kelma "u" bejniethom. Kwindi tishaq li t-talbiet attrici ma setghux jintlaqghu *in parte,* izda l-kostruzzjoni tal-vaska u konsenja tal-ilma kienu strettament marbutin mal-fatt tal-koncessjoni tal-art mid-Dipartiment tal-Artijiet u li l-vaska kellha tinbena fuq l-istess art fil-limiti tal-kirja. Tistaqsi fejn ser tinbena l-vaska li fiha kellu jitpogga l-ilma, ladarba l-koncessjoni tal-art ma gietx fis-sehh u ssostni li l-ewwel Qorti bid-decizjoni taghha, ghabbietha b'piz li jmur lil hinn mill-iskrittura, peress li b'hekk l-attur inghata diskrezzjoni assoluta li jindika hu fejn kellha ssir il-vaska. Tinsisti li ladarba l-ewwel talba tal-attur ma tistax tigi akkolta u l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha (ghalkemm dan ma giex specifikatament dikjarat fil-parti disposittiva tas-sentenza), fil-fehma taghha, jsegwi li lanqas it-tieni u t-tielet talbiet attrici ma setghu jigu akkolti.

(ii) It-tieni aggravju jiccentra ruhu fuq dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-appellant *nomine* ghandu jipprovdi lil Joseph Attard tnax-il elf (12,000) gallun ilma kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li Joseph Attard ceda, dan meta l-prova ta' kemm-il tomna raba saqwi allegatament ittiehdet mill-appellat ma tirrizulta bl-ebda mod. Ghalhekk isegwi li l-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici minghajr ma tressqu provi u bla ma saret ebda konsiderazzjoni ghall-veracità o meno

ta' dak allegat mill-istess attur appellat. Filwaqt li ticcita xi siltiet mix-xhieda ta' Albert Mamo, Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet, u tal-istess attur sabiex issostni li l-attur ma kellu ebda qbiela, u allura l-attur ma kellu ebda titolu fuq l-art in kwistjoni, tinsisti li s-sentenza appellata hija monka peress li mill-atti tal-kawza ma jirrizultax kemm-il tomna allegatament ittiehdet minghand l-attur appellat. Dan jaghmilha mpossibbli li jigi kkalkulat il-volum ta' ilma li huwa tenut jikkonsenja lill-attur appellat, peress li ma jirrizultax il-kejl ta' art li ttiehditlu. Kwindi targumenta li giet imposta fuqha obbligazzjoni, li fl-ahhar mill-ahhar m'ghandha l-ebda bazi, peress li ma ttiehdet ebda raba lill-attur li kellu xi dritt jew titolu ghaliha u fi kwalunkwè kaz, lanqas ingiebet prova dwar il-qies ta' tali raba. Ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi annullata.

L-appell incidentali tal-attur, min-naha l-ohra jissejjes fuq tliet aggravji, li huma:

(I) L-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-Qorti ghandha tillimita ruhha ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet li jitqajmu mill-partijiet. Filwaqt li jiccita xi gurisprudenza fir-rigward, jirrileva li l-konvenut *nomine* kien ressaq eccezzjoni wahda, filwaqt li t-tentattiv li titqajjem eccezzjoni ulterjuri kienet giet michuda mill-ewwel Qorti. Ma giet sollevata ebda eccezzjoni ulterjuri *ex officio* u fi kwalunkwè kaz, ma setghetx titqajjem tali

eccezzjoni *ex officio* peress li ma tikkoncernax l-ordni pubbliku u l-Qrati marbuta li jimxu mad-disposizzjonijiet tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili. Li kieku kellha tigi sollevata eccezzjoni b'mod *ex officio,* dan kellu jsir b'mod formali, sabiex il-partijiet jinghataw l-opportunità li jitrattawha. Kwindi l-attur appellant incidentalment jilmenta li ladarba ma kienx hemm eccezzjoni f'dan is-sens, l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi l-kaz daqs li kieku tali eccezzjoni giet sollevata.

(II) It-tieni aggravju tal-attur appellant incidentalment huwa li mhux minnu li tezisiti l-impossibilità li tinkera art mill-Gvern. Dan jinghad peress li l-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta ma johloqx impossibilità li tinkera art mill-Gvern, izda semplicement jispecifika l-mod kif dan ghandu jsir. Dan kif jirrizulta mill-artikolu 3 jew paragrafu 6 tal-iSkeda tal-istess Att. Ghalhekk il-ligi in kwistjoni se mai tkabbar l-oneru sabiex l-intimat iwettaq l-obbligu assunt minnu u mhux irendi t-twettiq tal-obbligu impossibbli jew illegali. L-attur appellant incidentalment isostni li l-Att in kwistjoni ilu fis-sehh sa mis-sena 1977 u ghalhekk il-konvenut nomine kellu jkun jaf il-modalità li biha kellu jikseb ir-raba skont l-obbligu assunt minnu; wara kollox l-istess socjetà konvenuta akkwistat mill-Gvern l-art li tinkludi dik ir-raba li kienet tinhadem minnu. Kwindi jsostni li l-konvenut nomine seta' facilment jinsisti li tinkera art lill-attur skont ma titlob il-ligi, specjalment kunsidrat li l-Gvern kien firmatarju fuq l-istess ftehim. Fi

kwalunkwè kaz, l-obbligu assunt mill-konvenut nomine baqa' jissussisti, peress li ma kien hemm ebda terminu impost u jaghmel il-paragun mal-kaz ta' weghda ta' bejgh *a non domino.* Jargumenta li l-konvenut nomine kellu jipprova jipprocedi kontra l-Gvern, gjaladarba kien hemm firmatarju rapprezentanti l-Gvern fuq l-istess ftehim u jekk ma jirnexxilux jakkwista art minghand il-Gvern, kellu jsir tentattiv ukoll li jakkwista l-art minghand terzi. Ghalkemm dan kien ikun aktar oneruz fuq il-konvenut *nomine*, certament ma kenitx haga impossibbli kif deciz mill-ewwel Qorti. Jilmenta li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut appellat ipprova jwettaq l-obbligu tieghu b'mod alternattiv.

(III) F'dan l-ahhar aggravju fl-appell incidentali jinghad li, zgur mhux impossibbli li l-intimat iwettaq l-obbligu assunt minnu fit-tieni klawsola tal-ftehim ta' bejn il-partijiet. Il-konvenut nomine seta' jwettaq l-obbligu li jirriklama arja ekwivalenti ghal dik li ttiehdet mir-raba saqwi u jgibha fi stat tajjeb ta' raba li tista' tinhadem bl-ingenji u skont il-mistier u jsiru l-hitan mehtiega u li din titpartat mal-art tal-appellant, kif mahsub fi klawsola tmienja tal-istess ftehim. L-attur jikkontendi li l-ewwel u t-tieni klawsoli tal-ftehim huma zewg obbligi separati tal-konvenut *nomine* li ma jiddependux minn xulxin. Jishaq li zgur li mhux impossibbli li jitwettaq dak l-obbligu kkontemplat fit-tieni klawsola u l-ewwel Qorti naqset milli tispjega kif dan l-obbligu huwa impossibbli li jigi mwettaq. Fil-fatt l-ewwel Qorti issemmi biss l-impossibilità fir-rigward tal-obbligu assunt

mill-konvenut nomine taht l-ewwel klawsola tal-ftehim u mhux fir-rigward tat-tieni klawsola. Ghalhekk ma hemm ebda raguni ghalfejn l-ewwel Qorti naqset milli tordna lill-konvenut nomine jwettaq l-obbligu assunt minnu fit-tieni klawsola tal-ftehim bejn il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Jinhass opportun li l-ewwel jigi trattat l-appell incidentali tal-attur in kwantu jitratta l-ewwel zewg talbiet attrici. Ghandu jinghad mal-ewwel li sa fejn fl-ewwel aggravju tieghu l-attur jikkontesta s-sentenza appellata meta l-ewwel Qorti fuq inizjattiva taghha qajmet il-kwistjoni ta' *ad impossibilia nemo tenetur,* jigi rilevat li l-gudikant huwa obbligat li jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet u ma jistax jitratta kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, sakemm ma jkunux kwistjonijiet ta' procedura jew ta' ordni ubbliku, li allura l-imhallef huwa obbligat li jirrileva *ex officio.* Hekk intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-13 ta' Frar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Melita Cable plc v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.** L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Borg et vs Hal Mann Limited et,** deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003, qalet li:

> *"Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku fejn*

> *allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva 'ex officio'. Ara "**Cacciattolo utrinque**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976."*

F'**Adam Galea et vs Tarcisio Calleja pro et nomine** deciza fil-25 ta' Mejju, 2001, din il-Qorti spjegat ghal darb' ohra li:

> ***"Fis-sistema gudizzjarju taghna, l-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.*** *Dan billi bhala norma l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet."* (enfasi mizjud)

Kwindi din il-Qorti taqbel mal-attur appellant sa fejn jinghad minnu li ma kellhiex tkun il-Qorti li tqajjem l-eccezzjoni ta' *ad impossibilia nemo tenetur,* ladarba din ma kenitx tqajmet mill-kontendenti fil-kawza. Dan jinghad ukoll peress li mhux ritenut gust li parti tinsab rinfaccata b'element ta' sorpiza fis-sentenza, minghajr ma tkun inghatat l-opportunità li tressaq provi u titratta l-istess punt sollevat mill-Qorti.

It-tieni aggravju fl-appell incidentali jitratta jekk effettivament kienx hemm din l-impossibilità li tigi attwata l-obbligazzjoni da parti tal-konvenut *nomine*. F'dan ir-rigward jinhass opportun li jinghad li l-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, jifforma r-*ratio legis* tal-provvediment tal-Artikolu 985 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) li, *inter alia*, jipprovdi li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt. F'dan ir-rigward inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti

tas-26 ta' Gunju, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Id-Dipartiment tal-Kuntratti et v. Anthony Borg**:

> *"…il-principju huwa li nemo tenetur ad impossibilia, li jfisser li biex debitur ta' obbligazzjoni jigi mehlus mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu, irid jirrizulta li kien impossibbli ghalih li jwettaq l-obbligazzjoni. Il-fatt li l-esekuzzjoni tal-kuntratt saret aktar difficli jew aktar spendjuza ma jezonerax lid-debitur tal-obbligazzjoni.*
>
> *"Fil-kawza Mizzi noe v. Attard noe, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 1969, intqal li f'kaz ta' trazzin tax-xoghol mill-haddiema, il-kumpanija debitrici trid xorta wahda tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha. Biex il-kumpanija tezonora ruhha mir-responsabbilita`, irid jintwera li l-effett tat-trazzin tax-xoghol fuq l-obbligazzjoni ma setax jigi ovvjat b'xi mezz li fic-cirkostanzi seta' jigi ragonevolment mistenni mill-kumpanija. Fil-kawza Id-Direttur tal-Kuntratti v. Office Electronics Ltd. deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru, 2004, intqal li zieda fil-prezzijiet mill-forrnituri esteri ma hijiex skuza ghall-inadempiment tal-obbligazzjoni, avolja dan ifisser li l-ispejjez ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt kibru (ara wkoll Grech v. Muscat, deciza mill-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005).*
>
> *"Aktar cara hija l-posizzjoni li hadet il-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italia f'kuntest simili, fejn gie enfasizzat il-htiega ta' impossibilita` assoluta u oggettiva biex id-debitur ta' obbligazzjoni jezonora ruhu. Hekk, f'kawza deciza fit-8 ta' Ottubru, 1973, intqal illi*
>
> > *"l'impossibbilita` totale che estingue l'obbligazione deve essere obiettiva ed assoluta e non si puo` far consistere in una semplici difficolta`.*
>
> *…*
>
> *"Il-Qorti tal-Appell ta' Milan f'sentenza li tat fis-7 ta' Novembru, 1947, kienet enfasizzat illi:*
>
> > *"Le semplici difficolta`, il maggior disagio o il maggior dispendio nell'adempiminto dell'obbligazione non integrano gli estremi dell'impossibilita` assoluta ed obiettiva insita nel concetto di forza maggiore."*
>
> *"Tant hu hekk li f'decizjoni tal-istess Qorti ta' Milan tal-5 ta' Dicembru, 1974, kuntrattur ta' fornitura ta' zejt ma giex mehlus mill-obbligazzjoni konsegwenza tal-problemi fis-suq rizultat tan-nazzjonalizzmu taz-zejt fil-Libja u l-gwerra tal-Kippur. Intqal infatti:*
>
> > *"La estrema difficolta` di rifornimento del greggio, dovuta alla nazionalizzazione del petrolio da parte della Libia e agli eventi conseguenti alla guerra del Kippur, non rende impossibile la prestazione di un'impresa di raffinanzione che si era impegnata a conseguare una certa quantita` di petrolio reprendola dal mercato e*

> *che aveva contrattualmente predisposto un mecanismo adeguamento (sippure parziale) del prezzo."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti lanqas ma hija konvinta li kien impossibbli ghall-konvenut *nomine* li jwettaq l-obbligazzjoni tieghu. Dan jinghad l-ewwel nett peress li wara li huwa stess talab lid-Dipartiment tal-Artijiet li jixtri r-raba biswit il-lukanda, tali talba giet milqugha, u kif ukoll, il-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern) jikkontempla l-possibilità li tinkera art agrikola mill-Gvern (ara paragrafu 6(d) tal-Iskeda, marbuta mal-Artikolu 3 tal-Kap. 268). Tabilhaqq, ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-konvenut ma kellux titolu ta' qbiela rikonoxxut mid-Dipartiment tal-Artijiet, mhux kontestat li l-attur effettivament kien qieghed jahdem ir-raba in kwistjoni qabel ma nghatat lill-konvenut *nomine*. Huwa minnu wkoll li d-Dipartiment tal-Artijiet ma kienx debitament rapprezentat fuq l-imsemmi ftehim, kwindi l-istess ftehim ma ghandu ebda sahha fil-konfront tad-Dipartiment in kwantu jikkostitwixxi *res inter alios acta.* Madankollu dan il-fatt fih innifsu u wahdu ma kellux ikun ta' ostakolu ghall-ftehim in kwantu lanqas jista' jitwarrab il-principju li l-ftehim ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet u dan b'rispett ghall-principju ta' *pacta sunt servanda.*

Hawnhekk issir referenza ghal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Salvu Fenech et v Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 ta' Ottubru 2003**,** li ttenni l-principju fir-rigward:

> *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et v L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines").*
> *...*
> *Illi dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni. ("Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine" – A.C. – 25 ta' Ġunju 1996).*
>
> *"Illi l-konsegwenza ta' kull ftehim għalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu nterpretati in bona fede ("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" – P.A. (WG) 30 ta' April 1987)."*

Din il-Qorti meta ezaminat l-atti tal-kawza ma rrizultalhiex li sar xi tentattiv serju da parti tal-konvenut *nomine* mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tinkera l-art lill-attur. Il-konvenut xehed quddiem l-ewwel Qorti li meta mar sabiex jinnegozja l-prezz tal-art ghal-lukanda mad-Dipartiment tal-Artijiet u talabhom jikkunsidraw li kellu jaghti kumpens lill-bdiewa, kien hawn li qalulu li l-attur ma kellu ebda titolu fuq l-art in kwistjoni.

Izda din il-Qorti tinsab konvinta li, kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Frar, 2007, li ggib referenza 336/1992 (li tinsab allegata mal-atti tal-kawza odjerna u li llum-il gurnata tikkostitwixxi gudikat), il-konvenut *nomine* kien ben konsapevoli tal-fatt li l-bdiewa kollha nvoluti ma kellhom ebda titolu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni, izda

huwa ried jehles minnhom sabiex jipprocedi bil-progett li kellu f'mohhu li jkabbar il-lukanda u b'hekk offra li jew jikkumpensahom, jew billi jsibilhom art ohra li jkunu jistghu jahdmu, skont ix-xewqa taghhom. Fil-fatt mat-tliet gabillotti l-ohra wasal fi ftehim ta' kumpens, peress li mix-xhieda ta' Silvio Debono tat-28 ta' Ottubru, 1994, fl-atti tal-process 336/1992, allegati mal-atti ta' din il-kawza, jirrizulta li:

> "*Jien ma' dawn it-tlieta minn nies kont irrangajt mhux ghax kellhom id-dritt ta' qbiela imma ghax hassejt illi kelli naghtihom kumpens.*"

Jirrizulta wkoll li d-Dipartiment tal-Agrikoltura kien qieghed joggezzjona ghall-progett tal-konvenut *nomine*, peress li kien ser jintuza raba saqwi ghall-progett, liema oggezzjoni d-Dipartiment kien lest li jirtira biss ladarba ntlahaq il-ftehim suggett tal-kawza odjerna bejn il-kontendenti fil-kawza. Din ir-retroxena hija rilevanti stante li ndubbjament kienu dawn ic-cirkostanzi li wasslu lill-konvenut nom *nomine* ine jaghmel il-ftehim in kwistjoni mal-attur appellant incidentalment.

Ma jirrizultax li sar ebda sforz ulterjuri da parti tal-konvenut *nomine* sabiex jittanta jonora l-obbligu li huwa kien diga` assuma permezz tal-iskrittura tas-17 ta' Novembru, 1988, mal-attur Joseph Attard. B'rispett ghall-principju li l-kuntratti jigu ezegwiti in *buona fede*, huwa kellu obbligu li jonora l-ftehim li ghamel mal-attur Joseph Attard, bl-istess mod kif ghamel mal-bdiewa l-ohra. Kwindi ladarba l-konvenut nomine kien rinfaccat bil-problema mad-Dipartiment tal-Artijiet, seta' jipprova jsegwi

b'impenn l-obbligu tieghu, billi jsegwi bil-miktub it-talba li tal-anqas tinhareg sejha ghall-offerti ghal hamest itmiem raba, hekk kif ghamel fil-kaz tal-art ghal-lukanda tramite l-konsulent legali tieghu, jew jitlob l-intervent tal-persuni rapprezentanti d-Dipartiment tal-Agrikoltura li kellhom rwol determinanti u kienu prezenti bhala firmatarji ghall-ftehim in kwistjoni. Ma' taqbilx mal-konvenut *nomine*, li fir-risposta ghall-appell incidentali issa jirkeb fuq l-karru tal-impossibilità li jwettaq l-obbligu, peress li fil-fehma ta' din il-Qorti, il-problema li nqalghet ma kenitx xi wahda insormontabbli.

Isegwi li lanqas mill-perspettiva ta' *ad impossibilia nemo tenetur,* il-konvenut nomine ma jirnexxilu jehles mill-obbligazzjoni tieghu, peress li jrid jipprova u jrid jirrizulta li kien oggettivament impossibbli ghalih li jwettaq l-obligazzjoni minnu assunta. Kif rilevat fis-sentenza hawn qabel citata, l-fatt li l-ezekuzzjoni tal-kuntratt li huwa ghamel mal-attur sar aktar difficli, jew aktar dispendjuz, ma jezonorax lid-debitur mir-responsabbilità li jwettaq l-obbligazzjoni. Tabilhaqq din il-Qorti tasal biex taqbel mal-attur appellant incidentalment, li f'kaz li l-konvenut *nomine* ma jirnexxilux li jakkwista art bi qbiela minghand il-Gvern kif jipprovdi l-Kap. 268, huwa ghandu sahansitra jittanta jonora l-obbligu tieghu li jakkwista raba saqwi b'titolu ta' kera fl-istess inhawi, tramite terzi persuni.

Ghalhekk dan l-aggravju tal-attur appellant ukoll jimmerita li jintlaqa' u ser jigi milqugh. L-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tielet aggravju tal-attur appellant, peress li ghar-ragunijiet appena esposti, din il-Qorti taqbel mieghu sa fejn jinghad minnu li ma hemm xejn impossibbli fir-rigward tal-obbligu assunt mill-konvenut *nomine* permezz tat-tieni klawsola tal-ftehim.

Imiss li jigu trattati l-aggravji imressqa mill-konvenut *nomine* fl-appell principali tieghu. Fil-verità, ladarba qeghdin jigu milqugha l-aggravji tal-attur appellant, huwa ghal kwantu logiku li ghandu jigi michud l-ewwel aggravju mressaq fl-appell principali. Dan fis-sens li ladarba qieghed jinghad li l-konvenut nomine ghandu jonora l-obbligi tieghu u ser jigu milqugha l-ewwel zewg talbiet attrici, li l-konvenut *nomine* ghandu jikri minghand id-Dipartiment tal-Artijiet bicca art ta' mhux anqas minn hamest itmiem fl-istess inhawi, liema raba/blat tigi registrata f'isem l-attur, u li jirreklama arja ekwivalenti ghal dik ir-raba saqwi li ttiehdet lill-attur, u jpoggiha fi stat tajjeb ta' raba li tista' tinhadem b'ingenji u skont il-mestier u jsiru hitan biex ir-raba jigi mtarrag, isegwi li l-istess konsiderazzjonijiet hawn qabel spjegati, ghandhom japplikaw ghat-tielet talba attrici. Dan jinghad lil hinn mill-argument jekk it-tielet talba setghetx titqies ghal rasha jew le, mill-ewwel zewg talbiet attrici. Anzi bl-argument tal-konvenut *nomine* li t-talba tal-bini tal-vaska hija intrinsikament marbuta mal-ewwel zewg talbiet attrici, ifisser li din it-

talba wkoll ghandha tigi milqugha. Certament din il-Qorti ma taqbilx fejn jinghad mill-konvenut *nomine* li l-ewwel Qorti ghabbietu b'piz li jmur lil hinn mill-iskrittura. Izda t-talbiet attrici ser jintlaqghu proprju b'rispett tal-principji ta' *pacta sunt servanda,* kif ukoll li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti *in buona fede.*

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tal-konvenut *nomine*, dak fejn jilmenta dwar in-nuqqas ta' titolu fuq l-art tal-attur, kif ukoll dwar it-tnax-il elf gallun ilma li ghandu jaghti lill-attur ghal kull tomna art li l-attur ceda.

Kif osservat qabel, t-titolu o meno li l-attur f'din il-kawza seta' kellu fuq l-art in kwistjoni, qatt ma kienet konsiderazzjoni li setghet kienet bazi ghall-iskrittura privata bejn il-kontendenti. Il-punt rilevanti kien li l-attur, Joseph Attard, kien qieghed jahdem dik ir-raba li l-konvenut *nomine* kellu bzonn ghall-progett tieghu, kif jirrizulta mill-ewwel paragrafu tal-istess ftehim. Irrizulta wkoll li d-Dipartiment tal-Agrikoltura ma kienx lest li jirtira l-oggezzjoni tieghu ghall-progett tal-konvenut *nomine*, sakemm ma jintlahaqx ftehim mal-bdiewa li kienu qeghdin jahdmu r-raba in kwistjoni. Kwindi jigi ribadit li kienu dawn ic-cirkostanzi li wasslu lill-konvenut *nomine* li jaghmel il-ftehim mal-attur u ma jistax issa jittanta jressaq in-nuqqas ta' titolu tal-attur bhala raguni ghan-nuqqas tieghu li jonora l-obbligi tieghu, peress li kif inghad qabel, din il-Qorti tinsab konvinta li l-konvenut *nomine* kien ben konsapevoli tan-nuqqas ta' titolu

tal-attur fuq ir-raba in kwistjoni. Fl kwalunkwè kaz, kien fl-interess tal-istess konvenut *nomine* li jaghmel il-verifiki opportuni dwar it-titolu tal-attur fuq l-istess art, qabel ma sar l-imsemmi ftehim.

In kwantu ghall-ilment tal-konvenut *nomine* dwar it-tnax-il elf gallun ilma li ghandu jaghti lill-attur ghal kull tomna art li l-attur ceda, meta jsostni li ma jirrizultax kemm-il tomna raba effettivament ittiehdet minghand l-attur, jinghad li dan l-ilment huwa sahansitra wiehed fieragh. Dana mhux biss peress li ma tressaq ebda dubju f'dan is-sens mill-istess konvenut nomine quddiem l-ewwel Qorti, izda din il-Qorti tinsab konvinta li l-partijiet jafu sew l-estent tar-raba li ttiehdet lill-attur, tant li sahansitra fil-process allegat ma' dak in ezami, l-konvenut *nomine* (attur f'dik il-kawza) kien xehed li l-konvenut (attur f'din il-kawza) kien talbu Lm25,000 ghal tomna raba. Inoltrè, ladarba din l-istess raba kienet fiz-zmien imqabbla lill-familjari tal-attur, da parti tad-Dipartiment tal-Artijiet, certament il-kejl jista' wkoll jigi debitament verifikat, peress li kemm mix-xhieda ta' Albert Mamo u mid-dokumenti esebiti minnu jirrizulta li din ir-raba kellha wkoll *tenement number*. Kwindi din il-problema sollevata f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza m'hi problema xejn, peress li certament tista' tigi sorvolata permezz ta' verifiki mal-pjanti li jkollu l-istess Dipartiment tal-Artijiet.

Kwindi lanqas dan it-tieni aggravju tal-konvenut nomine ma jimmerita li jintlaqa' u ser jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenut Silvio Debono *nomine* billi tichad l-istess u tiddisponi mill-appell incidentali tal-attur billi tilqa' l-istess. Kwindi tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Frar, 2014, fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut, u laqghet it-talba ta' Joseph Attard meta kkundannat lil Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited jipprovdi lil Joseph Attard tnax-il elf (12,000) gallun ilma kull gimgha ghal kull tomna raba saqwi li Joseph Attard ceda u li ghandha tigi mibnija vaska a spejjez ta' Seabank Catering Company Limited fl-inhawi indikati minn Joseph Attard. Izda tilqa' wkoll l-ewwel zewg talbiet tal-attur Joseph Attard u tordna lil Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited sabiex fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, bil-komminazzjonijiet legali ghal min jinjora l-ordnijiet tal-Qorti, jezegwixxi l-obbligazzjonijiet kollha minnu assunti *ai termini* tal-iskrittura privata datata 17 ta' Novembru 1988, u senjatament sabiex jikri art mid-Dipartment tal-Artijiet, illum Awtorità tal-Artijiet, tal-kejl ta' hamest itmiem, liema raba/blat ghandha tigi registrata f'isem l-attur, u li jirreklama arja ekwivalenti ghal dik ir-raba saqwi li ttiehdet lill-attur, u jpoggiha fi stat tajjeb ta' raba li tista' tinhadem b'ingenji u skont il-mestier u jsiru hitan biex ir-raba jigi mtarrag, skont il-kaz.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim'istanza, ghandhom jithallsu minn Silvio Debono ghan-nom ta' Seabank Catering Company Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr